MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 44/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Carmelo u Carmen konjugi Cassar bhala debituri prinicipali u Carmelo Cassar Limited bhala garanti solidali ta’ l-istess Carmelo u Carmen konjugi Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici tat-18 ta’ Jannar 2011 li jghid hekk:

Illi permezz ta’ l-att kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Joseph Raphel Darmanin, datat 5 ta’ Ottubru 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC I) l-intimati Carmelo u Carmen konjugi Cassar, ikkostitwew ruhhom bhala veri, certi u likwidi debituri tal-Bank esponent filwaqt li s-socjeta’ Carmelo Cassar Limited ikkostitwit ruhha bhala debitrici bhala garanti in solidum mad-debituri principali konjugi Cassar, fl-ammont globali ta’ €587,002.96 (ekwivalenti ghall-ammont ta’ Lm252,000 kif

indikat fl-atti sucitati) rapprezentanti kapital, oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data ta’ l-istess kuntratt sal-pagament effettiv;

Illi l-kuntratt surreferit gie rez ezedkuttiv permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Marzu 1999 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC II);

Illi sal-lum l-intimati ghadhom debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont globali ta’ €172,927.12 oltre imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, rapprezentanti l-ammonti ta’ €135,665.29 kapital dovut mill-konjugi Cassar bhala debituri principali u mis-socjeta’ Carmelo Cassar Limited bhala garanti solidali mal-konjugi Cassar, liema kapital kien inghata lill-istess konjugi Cassar b’titolu ta’ self, u in kwantu ghas-somma ta’ €37,261.83) imghax li ddekorra fuq l-istess kapital kalkolat  sas-7 ta’ Jannar 2011, (rendikont hawn anness u immarkat Dok. HSBC III) u dan qieghed jigi kkonfermat bil-gurament mill-Avv. Sylvana Demicoli kif rikjest mill-artikolu hawn fuq imsemmi;

Illi l-intimati baqghu debituri tal-bank esponent u mid-data tal-ittra ufficjali sucitata lahqu ghaddew aktar minn tliet (3) snin preskritti mil-ligi sabiex dan it-titolu ezekuttiv jigi ezegwit u ghalhekk it-talba odjerna;

Ghaldqastant, il-bank esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah sabiex, ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligjijet ta’ Malta, jezegwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi;

Bl-ispejjez;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jipprezentaw risposta u hekk  baqghu  kontumaci;

Ezaminat  l-atti tal-kawza inkluz in-nota spjegattiva pprezentata mill-Bank;

Rat ukoll illi l-konvenuti rrimettew ruhhom waqt is-seduta tas-6 ta’ Gunju 2011;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2011 fejn Dr. Daphne Sims Dodebier ghal Bank talbet biex il-kawza tibqa' ghas-sentenza. Dr. Henry Antoncich irrimetta ruhu;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------